# L-Altar tal-Madonna tar-Rużarju fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Luqa



Mario Fenech

Il-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Luqa minn dejjem kienet magħrufa għall-Opri Sagri sbieħ li hija mżejna bihom. Matul is-snin tat-Tieni Gwerra Dinjija r-Raħal sofra minn numru kbir t'attakki mmirati fuq l-ajruport ta' Ħal Luqa.

Waqt wieħed minn dawn l-attakki ħorox il-Knisja ntlaqtet u ġarrbet ħsarat kbar tant li wħud minn dawn l-Opri ntilfu għal kollox. Opri oħrajn fortunatament baqgħu jitgawdew matul is-snin u fost dawn insibu l-Altar tal-Madonna tar-Rużarju li qiegħed f'wieħed mill-Kappelluni maġġuri tal-Knisja.



Irid jingħad li dan il-Kappellun iddedikat lil Ispirtu s-Santu. Kien tlesta fis-sena 1644. Il-kwadru li kellu fuqu kien juri lil Missier Etern flimkien mal-Arkanġlu Gabriel, il-Madonna u Sant' Andrija. Ħallas għal dan il-kwadru ċertu Ġakbu Psaila.

Fis-sena 1654 sar kwadru ġdid fejn mal-Missier Etern kien hemm ukoll ix-xbieha ta' Kristu Msallab u x-xena ta' Għid il-Ħamsin. Sentejn wara sar xogħol ta' dekorazzjoni maħduma fil-ġebla mill-iskultur Ġilormu Randon u ħallas għal dan ix-xogħol Mattew Azzopardi li kien minn Ħal Luqa.

Meta twaqqfet il-Fratellanza tal-Madonna tar-Rużarju u bdiet tieħu ħsieb dan l-Altar din ħadet ħsieb li tibni mill-ġdid dan il-Kappellun li kien lest ftit tas-snin wara.

Fis-sena 1734 il-Fratellanza ħadet ħsieb li jsir Altar ġdid u sar ukoll il-Kwadru tal-Madonna tar-Rużarju flimkien ma' San Duminku, San Pietru Martri u Santa Katerina minn Siena.



Mad-dawra tal-kwadru kien hemm ukoll il-Ħmistax il-Misteru tar-Rużarju Mqaddes. Taħt il-kwadru tpoġġa wkoll kwadru żgħir tax-xbieha tal-Immakulata Kunċizzjoni flimkien ma' San Ġużepp u Sant' Antnin ta' Padova.

Il-Fratellanza kienet tagħmel il-Festa tal-Madonna tar-Rużarju, tieħu ħsieb tagħmel in-Novena tal-Milied u Quddies kull nhar t'Erbgħa u nhar ta' Ġimgħa.

Il-kwadru tal-Madonna tar-Rużarju dam fuq l-Altar sas-sena 1916 meta sar il-Kwadru li hemm illum mill-Artist Ġużeppi Calì.

F'dan il-kwadru naraw ix-xbieha tal-Madonna bil-Bambin bil-qiegħda fuq Tron ta' sħab abjad imdawra b'numru ta' anġli b'wieħed minnhom qiegħed iżomm kuruna fuq ras il-Madonna biex juri li din hija r-Reġina tar-Rużarju Mqaddes.

Fuq in-naħa tal-lemin tat-tila San Duminku qiegħed iżomm il-Kuruna tar-Rużarju f'idejh il-leminija filwaqt li b'idu l-oħra qiegħed iżomm sejf twil bil-ponta tiegħu f'ras is-serp xempju tal-ereżija.

Fuq n-naħa tax-xellug tat-tila l-Artist pinġa membri oħrajn tal-Ordni tal-Predikaturi qegħdin josservaw din ix-xena sabiħa.

L-Istatwa tal-Madonna tar-Rużarju kienet diġa' teżisti fis-sena 1692 u ma nafux min hu l-iskultur tagħha. Kienet tintuża kemm għall-Purċissjoni tal-Festa tal-Madonna tar-Rużarju, kif ukoll għall-festa tal-Madonna tal-Warda. Fl-istess sena li fiha kien pinġa l-kwadru tal-altar l-artist Ġużeppi Calì kien għamel ukoll il-karnaġġjon tagħha.

Meta twaqqfet il-Fratellanza tal-Madonna taċ-Ċintura fil-bidu tas-seklu Tmintax din l-Istatwa bdiet tintuża wkoll mill-Fratellanza għal waqt il-festa li kienet tieħu ħsieb tagħmel. L-aktar xogħol riċenti fuq din l-istatwa kien sar mill-artist Alfred Camilleri Cauchi lejn l-aħħar snin tas-seklu għoxrin.

Il-Festa t-Tajba lil Kulħadd.